IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.11.2013
SWD(2013) 479 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal miżuri

dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali

{COM(2013) 821 final}
{SWD(2013) 478 final}
{SWD(2013) 500 final}

DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal miżuri

dwar it-tisħiħ ta’ ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali

1. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Problemi ġenerali:

1. M’hemmx biżżejjed protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuni suspettati u akkużati bħala riżultat ta’ protezzjoni insuffiċjenti tal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza fl-UE. L-eżistenza ta’ standards minimi komuni fl-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (“il-Karta”) u l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (“il-KEDB”) jidher li hija insuffiċjenti biex jiġi protett dan il-prinċipju fil-prattika. Il-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (“il-QEDB”) turi li sar ksur ta’ dan il-prinċipju b’mod kostanti u ripetutament. Il-preżunzjoni tal-innoċenza hija prinċipju kumplessiv li huwa kumplimentari għal drittijiet proċedurali oħrajn, inklużi dawk li diġà ġew trattati mil-liġi tal-Unjoni. L-għan globali huwa li jiġi żgurat id-dritt għal proċess kriminali ġust. Ma jkunx hemm proċess ġust jekk il-preżunzjoni tal-innoċenza ma tiġix rispettata.

2. Il-protezzjoni insuffiċjenti tad-drittijiet fundamentali tikkawża fiduċja reċiproka insuffiċjenti bejn l-Istati Membri fir-rigward tas-sistemi ġudizzjarji rispettivi tagħhom. Dan ifixkel il-funzjonament bla xkiel tar-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja.

Problemi speċifiċi:

1. Protezzjoni insuffiċjenti kontra **referenzi pubbliċi għall-ħtija mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji** qabel il-kundanna. L-awtoritajiet xi kultant jirreferu għall-persuni suspettati jew akkużati, fid-dikjarazzjonijiet jew fid-deċiżjonijiet uffiċjali, bħala ħatja ta’ reat qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali mill-qorti.

2. Protezzjoni insuffiċjenti tal-prinċipju li l-**piż tal-provi jaqa' fuq il-prosekuzzjoni u li kull dubju dwar il-ħtija għandu jibbenefika lill-persuna akkużata**; b'mod partikolari, **protezzjoni insuffiċjenti fil-prattika fil-każijiet li fihom il-piż tal-provi jiġi trasferit lid-difiża**.

3. **Protezzjoni insuffiċjenti tad-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu, inkluż id-dritt li ma jikkooperax u d-dritt għas-silenzju**. Is-sistemi legali ta' xi Stati Membri jippermettu li eżerċizzju tad-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu, li ma jikkooperax u d-dritt għas-silenzju jista' jintuża bħala evidenza kontra l-persuna suspettata jew akkużata; spiss ma jkun hemm l-ebda rimedju effettiv u dissważiv fil-każ ta' ksur.

4. Protezzjoni insuffiċjenti tad-**dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess**[1] **-** sentenza u kull deċiżjoni li tista' twassal għaċ-ċaħda tal-libertà teħtieġ il-preżenza tal-persuna akkużata. Mhux l-Istati Membri kollha għandhom rimedji xierqa fil-każ ta' ksur.

Grupp ta' persuni affettwati

Potenzjalment, il-persuni suspettati jew akkużati kollha fi proċedimenti kriminali fl-UE huma affettwati. Madwar 10 miljun proċediment kriminali jseħħu fl-UE kull sena. Il-QEDB sabet 10 Stati Membri tal-UE li qed jiksru d-dritt tal-preżunzjoni tal-innoċenza bejn l-1.1.2007 u l-31.12.2012, f'total ta' 26 kawża.

Għaliex hemm il-ħtieġa tal-intervent pubbliku?

Il-protezzjoni insuffiċjenti attwali ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza taffettwa l-fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji - u konsegwentement il-funzjonament bla xkiel taż-żona Ewropea tal-ġustizzja. Il-prinċipji u l-mekkaniżmi tal-QEDB ma rriżultawx fi protezzjoni biżżejjed fil-prattika, kif muri mill-każistika tal-QEDB. Mhuwiex probabbli li jsiru aktar bidliet fuq il-bażi tal-qafas legali eżistenti fil-ġejjieni qarib.

Jekk l-UE tieħu azzjoni leġiżlattiva, il-varjetà sħiħa ta' mekkaniżmi ta' rimedju tal-UE skont it-Trattat ikunu disponibbli biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jikkonformaw mad-dritt għall-preżunzjoni tal-innoċenza li jinsab fil-leġiżlazzjoni tal-UE. Ċerti bidliet fil-leġiżlazzjoni ta' xi Stati Membri huma meqjusa neċessarji b'rispett sħiħ, madankollu, tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

2. ANALIŻI TAS-SUSSIDJARJETÀ

Tisħiħ tal-fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji: Huwa preċisament minħabba l-importanza tagħha għall-funzjonament bla xkiel taż-Żona Ewropea tal-Ġustizzja Kriminali li, fil-programm ta' Stokkolma[2] l-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tindirizza l-kwistjoni tal-preżunzjoni tal-innoċenza.

Moviment tal-persuni: Il-persuni involuti fi proċedimenti kriminali barra minn pajjiżhom għandhom ikunu kunfidenti li huma protetti minn dritt ġenerali Ewropew li jitqiesu innoċenti. Il-Karta tal-UE fiha t-tali dritt; madankollu, il-Karta tista' biss tiġi invokata f'każ individwali jekk il-kwistjoni tkun relatata mal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE mill-Istat Membru.

Limiti tal-QEDB: Il-QEDB waħedha ma tistax tiżgura protezzjoni xierqa. Xi aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza ma tqiesux reċentement jew b'mod estensiv mill-QEDB (pereżempju l-konsegwenzi u r-rimedji preċiżi ta' ksur). Il-proċedura ta' rimedju fil-QEDB mhijiex sodisfaċenti peress li tintervjeni biss *ex post*, wara li jkunu ntużaw ir-rimedji interni kollha, barra minn hekk taħt din il-proċedura għad hemm għadd kbir ta' kawżi pendenti li qed jistennew li jingħalqu.

3. GĦANIJIET TAL-INIZJATTIVA TAL-UE

L-**għanijiet ġenerali** huma:

(1) li tiggarantixxi livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet proċedurali fundamentali fil-proċedura kriminali;

(2) li żżid il-fiduċja reċiproka, u b'hekk titjieb il-kooperazzjoni ġudizzjarja.

---

[1] Minbarra ċerti eċċezzjonijiet definiti sew ("**deċiżjonijiet *in absentia***").

[2] ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1.

L-**għanijiet speċifiċi** huma li jiġi żgurat li:

(1) il-persuni suspettati jew akkużati jitqiesu innoċenti mill-bidu sat-tmiem tal-proċedura kriminali sakemm jinstabu ħatja skont il-liġi, u jiġu ttrattati bħala tali mill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri.

(2) l-awtoritajiet li għandhom x'jaqsmu mal-kooperazzjoni ġudizzjarja u li huma involuti fl-eżekuzzjoni ta' sanzjoni kriminali, ta' miżura ta' investigazzjoni jew ta' Mandat ta' Arrest Ewropew maħruġ fi Stat Membru ieħor ikunu kunfidenti li d-deċiżjoni sottostanti ttieħdet fl-Istat Membru ta' oriġini b'rispett sħiħ tal-preżunzjoni tal-innoċenza.

L-**għanijiet operattivi** huma li jiġi żgurat li:

(1) l-ebda persuna suspettata jew akkużata ma tkun imsemmija bħala ħatja mill-awtoritajiet ġudizzjarji qabel sentenza finali;

(2) il-piż tal-provi tal-ħtija ta' persuna suspettata jew akkużata jaqa' fuq il-prosekuzzjoni u kwalunkwe dubju jibbenefika lil dik il-persuna;

(3) id-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu, inkluż id-dritt li wieħed ma jikkooperax u d-dritt għas-silenzju, ta' persuni suspettati jew akkużati jkunu protetti kif xieraq f'kull stadju tal-proċedura;

(4) is-sentenza tittieħed fil-preżenza tal-persuna akkużata, ħlief f'każijiet speċifiċi ("deċiżjonijiet *in absentia*").

4. ALTERNATTIVI TA' POLITIKA

Tqiesu erba' alternattivi:

(1) Alternattiva 1 - iż-żamma tal-i*status quo* - l-ebda azzjoni fil-livell tal-UE.

(2) Alternattiva 2 – alternattiva mhux leġiżlattiva: it-tfassil ta' linji gwida u t-taħriġ dwar il-prattika tajba, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki possibbli u monitoraġġ imtejjeb.

(3) Alternattiva 3 - żewġ alternattivi leġiżlattivi:

   (a) Alternattiva 3a) - **Direttiva** li tistabbilixxi regoli minimi li jikkonfermaw l-*acquis* tal-QEDB fir-rigward ta' kull waħda mill-problemi speċifiċi u li tistabbilixxi rimedji effettivi fil-każ ta' ksur.

   (b) Alternattiva 3b) - **Direttiva** bħal tal-Alternattiva 3a, iżda li tistabbilixxi regoli minimi li jipprevedu livell ogħla ta' protezzjoni mill-*acquis* tal-QEDB (ħlief għan-nuqqas ta' referenzi pubbliċi għall-ħtija mill-awtoritajiet ġudizzjarji, meta ma jkunx possibbli li wieħed imur lilhinn mill-prinċipju tal-QEDB) permezz tal-limitazzjoni jew anki l-esklużjoni tal-possibbiltà li jkun hemm eċċezzjonijiet għall-prinċipji ġenerali.

5. VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI

5.1. Effettività fil-ksib tal-għanijet politiċi

(1) Alternattiva 1 – il-livell ta' protezzjoni jibqa' l-istess, l-ebda titjib fil-fiduċja reċiproka.

(2) Alternattiva 2 - inċentiv baxx għall-Istati Membri biex jindirizzaw il-problemi, minħabba n-nuqqas ta' dispożizzjoni leġiżlattiva.

(3) Alternattivi 3a) u 3b)

(a) Fiduċja reċiproka miżjuda permezz ta' standards minimi komuni; inqas dewmien fil-kooperazzjoni ġudizzjarja, inqas spejjeż minħabba dewmien assoċjat, proċedimenti interrotti, proċessi mill-ġdid u appelli; fl-Alternattiva 3b) il-fiduċja reċiproka tkun imsaħħa aktar.

(b) L-alternattiva leġiżlattiva tista' tiġi infurzata, mhux bħall-alternattivi mhux leġiżlattivi jew ta' *status quo*.

(c) Il-persuni suspettati jew akkużati jibbenefikaw minn standards minimi fuq il-preżunzjoni tal-innoċenza u jibbenefikaw minn rimedji xierqa; fl-Alternattiva 3b), il-persuni suspettati jew akkużati jibbenefikaw minn standards minimi ogħla.

(d) Mekkaniżmu ta' rimedju effettiv kontra l-Istati Membri fil-każ ta' ksur.

(e) Inqas żbalji ġudizzjarji, tittejjeb mhux biss il-perċezzjoni ġenerali tal-Ġustizzja mill-persuna suspettata u akkużata, mill-vittmi, mill-awtoritajiet ġudizzjarji, mill-avukati tad-difiża u mill-pubbliku ġenerali, iżda wkoll jitnaqqsu l-ispejjeż li jirriżultaw minn protezzjoni insuffiċjenti ta' dan id-dritt għall-Istati Membri (spejjeż ta' proċeduri interni ta' appell).

5.2. Impatti soċjali u Drittijiet Fundamentali

(1) Alternattiva 1 - l-ebda titjib.

(2) Alternattiva 2 - X'aktarx isir biss titjib varjabbli bejn l-Istati Membri minħabba n-nuqqas ta' metodu ta' infurzar.

(3) Alternattivi 3a) u 3b)

(a) Żieda fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuni suspettati jew akkużati permezz ta' aktar kjarifika tal-Artikolu 48 tal-Karta tal-UE.

(b) Bidla gradwali fil-kultura tal-prosekuzzjoni u l-awtoritajiet ġudizzjarji dwar ir-rispett lejn id-dritt għall-preżunzjoni tal-innoċenza.

(c) Nuqqas ta' rispett possibbli lejn il-prinċipji tal-proporzjonalità u s-sussidjarjetà jekk l-aspetti kollha tal-Alternattivi 3a) u 3b) jiġu implimentati.

(d) Riskju li tiġi kkodifikata l-ġurisprudenza tal-QEDB li qed tevolvi kontinwament permezz ta' strument leġiżlattiv vinkolanti tal-UE. Jekk il-każistika tiżviluppa lejn protezzjoni aktar b'saħħitha, Direttiva vinkonlanti li tistabbilixxi l-livell preżenti ta' protezzjoni ma tkunx aġġornata.

(e) Għal 3b), jista' jkun hemm effett negattiv fuq l-amministrazzjoni tal-ġustizzja minħabba li d-drittijiet tal-individwi jissaħħu sal-punt li jistgħu eventwalment jagħmlu ħsara lill-effiċjenza tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni.

5.3. Impatt fuq is-sistema legali tal-Istati Membri

(1) Alternattiva 1 - id-diverġenzi bejn is-sistemi tal-Istati Membri għandhom jibqgħu minħabba li dawn ikomplu jevolvu skont linji strettament nazzjonali.

(2) Alternattiva 2 – impatt limitat – ma tista' tiġi prevista l-ebda riforma leġiżlattiva minħabba li dawn ikunu dipendenti fuq ir-rieda tajba tal-leġiżlaturi nazzjonali.

(3) Alternattivi 3a) u 3b): Bosta Stati Membri jkollhom jibdlu l-leġiżlazzjoni tagħhom skont il-problema speċifika.

5.4. Impatt finanzjarju u ekonomiku[3]

(1) Alternattiva 1 - L-ebda piż finanzjarju immedjat, iżda lanqas ma jkun hemm tnaqqis tal-ispejjeż attwali tal-proċeduri tal-QEDB u l-appelli domestiċi, il-proċessi mill-ġdid, il-kumpens finanzjarju minħabba ksur tad-dritt tal-persuni suspettati għall-preżunzjoni tal-innoċenza.

(2) Alternattiva 2 - L-istima tal-ispejjeż għas-sessjonijiet ta' ħidma, it-taħriġ u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki hija inqas minn **EUR 8 miljun fis-sena għal kull wieħed mill-aspetti** tal-preżunzjoni tal-innoċenza, ħlief għat-tfassil tal-linji gwida (spiża ta' darba ta' EUR 47 520). Jekk dawn jiġu stabbiliti għall-erba' aspetti, livell għoli ta' sinerġiji jnaqqas l-ispejjeż totali.

(3) Alternattiva 3a) - Fuq żmien twil, l-impatt finanzjarju stmat hawn taħt għandu jonqos gradwalment minħabba li d-dritt għandu jkun aktar rispettat, u b'hekk jitnaqqas l-użu tar-rimedji. Jista' jkun hemm spejjeż ta' taħriġ għall-avukati tad-difiża, l-uffiċjali tal-pulizija u dawk ġudizzjarji. L-ispejjeż stmati hawn taħt huma fis-sena u fl-Istati Membri kollha flimkien.

(a) Nuqqas ta' referenzi pubbliċi għall-ħtija - l-ispejjeż għal rimedju addizzjonali (proċess mill-ġdid) għall-Istati Membri kollha minbarra AT, FI, LT, PL u SE huma: EUR 240 000. L-ebda spiża sostanzjali għal rimedji speċifiċi oħra (tneħħija tal-imħallef, id-dritt għad-danni).

(b) Il-piż tal-provi jaqa' fuq il-prosekuzzjoni / kull dubju dwar il-ħtija jibbenefika lill-persuna akkużata - l-ispejjeż għal rimedju addizzjonali (proċess mill-ġdid) fl-Istati Membri kollha minbarra AT, FR u UK: bejn EUR 92 000 u EUR 920 000.

(c) Id-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu, inkluż id-dritt li ma jikkooperax u d-dritt għas-silenzju - Jekk ir-rimedju addizzjonali jkun proċess mill-ġdid (attwalment disponibbli fi AT, FI, FR, HU): bejn EUR 98 000 u EUR 980 000; jekk ir-rimedju addizzjonali jkun in-nonammissibbiltà lill-qorti ta' evidenza miksuba bi ksur ta' dan id-dritt, l-ispejjeż iwasslu għaż-żieda fl-attività tal-prosekuzzjoni fi BE, BG, CY, EE, ES, HR, IE, LT, LV, NL, PL, SE (stmati għal bejn EUR 7 500 u EUR 75 000).

(d) Id-dritt li wieħed ikun preżenti għall-proċess tiegħu - l-ispejjeż ta' rimedju addizzjonali (proċess mill-ġdid) għal BE, BG, HU u LV: EUR 523 000.

(4) Alternattiva 3b)

(a) Nuqqas ta' referenzi pubbliċi għall-ħtija – l-istess bħal fl-Alternattiva 3a).

(b) Il-piż tal-provi jaqa' fuq il-prosekuzzjoni / kull dubju dwar il-ħtija jibbenefika lill-persuna akkużata: - żieda fl-attività tal-prosekuzzjoni f'dawk l-Istati Membri fejn il-piż tal-provi jista' attwalment jinqaleb (billi dawn il-każijiet ikunu limitati taħt 3b) fi BE, HR, FR, HU, IE, PT, ES, SE u UK). Ix-xenarju probabbli jagħti stima tal-ispejjeż ta' EUR 2,9 miljun.

(c) Id-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu, id-dritt li ma jikkooperax u d-dritt għas-silenzju - żieda fl-attività tal-prosekuzzjoni f'dawk l-Istati Membri fejn dan id-dritt mhuwiex assolut (din is-sistema tkun abolita fl-Alternattiva 3b) fi BE, CY,

[3] Fir-rigward tal-Alternattivi ta' politika 3a) u 3b), ikun hemm spiża stmata addizzjonali ta' **EUR 1,3 miljun** fis-sena li tirriżulta mis-sistema ta' monitoraġġ li trid tiġi implimentata fl-Istati Membri sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi ta' rappurtar u tinġabar id-dejta rilevanti

UK, FI, FR, IE, LV, NL u SE). Ix-xenarju probabbli jagħti stima tal-ispejjeż ta' EUR 27 miljun.

(d) Id-dritt li wieħed ikun preżenti għall-proċess tiegħu - l-ispejjeż jinvolvu riżorsi addizzjonali tal-pulizija biex jiġi żgurat li l-persuna suspettata jew akkużata tkun fiżikament miġjuba quddiem il-qorti (li skont il-liġi eżistenti attwalment isir il-proċess fl-assenza tagħha) fl-Istati Membri kollha minbarra CY, IE u DE. L-iffrankar jinvolvi l-ispejjeż tal-proċessi mill-ġdid kollha possibbli (jekk il-persuni kollha jkunu preżenti waqt il-proċess, ma jkunx hemm il-ħtieġa għal rimedju addizzjonali għall-proċessi *in absentia*). L-ispejjeż totali huma stmati bejn EUR 5,5 miljun u EUR 22 miljun.

6. TQABBIL TAL-ALTERNATTIVI / ALTERNATTIVA PREFERUTA

L-alternattiva preferuta hija taħlita ta' **partijiet tal-Alternattivi 2, 3(a) u 3(b)**. Din **tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità** billi tipproponi **livell differenzjat ta' intervent tal-UE** għal kull aspett tal-preżunzjoni tal-innoċenza, skont diversi fatturi: (i) l-impatt fuq il-funzjonament bla xkiel tal-istrumenti tar-rikonoxximent reċiproku: għandha tingħata attenzjoni partikolari għal dawk l-aspetti li joħolqu drittijiet konkreti u tanġibbli għaċ-ċittadini – milli l-prinċipji ġenerali tal-liġi kriminali proċedurali; (ii) jeħtieġ li jkun hemm intervent tal-UE aktar b'saħħtu għall-aspetti li mhumiex protetti b'mod xieraq mil-liġijiet nazzjonali u meta l-problemi jmorru lilhinn mill-applikazzjoni prattika ta' dawn il-liġijiet, u (iii) jeħtieġ li jkun hemm intervent tal-UE aktar b'saħħtu għal dawk l-aspetti fejn il-ġurisprudenza tal-QEDB ma tipprevedix standard li huwa għoli biżżejjed f'żona komuni tal-ġustizzja kriminali.

(1) **In-nuqqas ta' referenzi pubbliċi għall-ħtija -** – Alternattiva 3a) iżda mingħajr rimedju speċifiku, minħabba li s-sitwazzjoni leġiżlattiva fl-Istati Membri hija aċċettabbli u li dan l-aspett huwa biss sa ċertu punt marbut mal-funzjonament taż-Żona Ewropea tal-Ġustizzja.

(2) **Il-piż tal-provi u kull dubju dwar il-ħtija għandhom jibbenefikaw lill-persuna akkużata** – Alternattiva 3a) iżda mingħajr rimedju speċifiku, minħabba diġà hemm protezzjoni biżżejjed għal dan fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri.

(3) **Id-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu, id-dritt li ma jikkooperax u d-dritt għas-silenzju** – taħlita tal-Alternattivi 3a) u 3b):

- jiġu stabbiliti l-prinċipji ġenerali li ġejjin mill-każistika tal-QEDB u jiġi stabbilit rimedju speċifiku fil-każ ta' ksur – nonammissibbiltà tal-evidenza (Alternattiva 3a));
- jiġu permessi eċċezzjonijiet mid-dritt li wieħed ma jikkooperax skont il-każistika tal-QEDB (Alternattiva 3a));
- ma jiġix permess li l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet iwassal għal inferenzi negattivi (Alternattiva 3b));

(4) **Id-dritt li wieħed ikun preżenti għall-proċess tiegħu** – Alternattiva 3a), inkluż li jiġi stabbilit rimedju speċifiku (proċess mill-ġdid).

(5) Orizzontali: L-implimentazzjoni tkun appoġġata minn miżuri orizzontali dwar **il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u t-taħriġ** (partijiet tal-Alternattiva 2).

Minħabba n-nuqqas ta' dejta affidabbli huma provduti ċ-ċifri disponibbli b'mod tenttativ. L-Istati Membri kollha jkunu affettwati bi gradi differenti. Fl-aktar xenarju probabbli, l-ispejjeż tal-alternattiva preferuta jkunu dawn li ġejjin:

– ma jirriżultaw l-ebda spejjeż (ħlief għat-taħriġ, l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ) fir-rigward tal-ewwel żewġ aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza;

– jiġi projbit li s-silenzju jwassal għal xi inferenzi: EUR 27 miljun kull sena għal disa' Stati Membri flimkien;

– għan-nonammissibbiltà tal-evidenza miksuba bi ksur tad-dritt li wieħed ma jikkooperax, l-ispiża stmata hija ta' bejn minimu ta' EUR 7 500 u massimu ta' EUR 75 000 kull sena għal 12-il Stat Membru flimkien;

– għad-dritt li wieħed jkun preżenti fil-proċess tiegħu, l-ispejjeż stmati huma ta' EUR 523,00 kull sena għal erba' Stati Membri flimkien;

– Huwa eskluż ammont addizzjonali stmat ta' EUR 1,3 miljun kull sena, li jirriżulta mis-sistema ta' monitoraġġ u l-obbligi ta' rappurtar li jridu jiġu ssodisfati mill-Istati Membri.

L-ispejjeż totali għal kull Stat Membru huma kif ġej (*minimu / massimu*[4]): **AT** 305 164, **BE** 1 847 230 / 1 851 762, **BG** 126 521 / 126 985, **HR** 127 099 / 128 386, **CY** 266 173 / 267 655, **CZ** 158 698, **EE** 56 703 / 56 983, **FI** 640 664, **FR** 8 783 153, **DE** 6 630 288, **EL** 190 790, **HU** 231 851, **IE** 590 601 / 592 155, **IT** 480 388, **LV** 281 997, **LT** 93 657 / 94 047, **LX** 207 765 / 208 203, **MT** 82 850, **NL** 6 590 604 / 6 599 749, **PL** 373 953 / 382 782, **PT** 226 718, **RO** 144 338, **SK** 961 808, **SI** 133 248, **ES** 643 779 / 668 089, **SE** 1 589 620 / 1 591 443, **UK** 9 664 550 / 9 678 626.

7. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

L-alternattiva preferuta se toħloq biss numru relattivament limitat ta' obbligi tal-Istati Membri (li, sa ċertu punt, jirriflettu l-obbligi imposti mill-KEDB u l-obbligi kostituzzjonali jew legali eżistenti f'ħafna Stati Membri); huwa mistenni li skadenza ta' 18-il xahar tipprovdi żmien biżżejjed biex jitwettqu l-bidliet meħtieġa fil-liġijiet u l-prattika nazzjonali.

Id-Direttiva se tistipula li l-Istati Membri għandhom jagħtu rapport dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri leġiżlattivi jew mhux leġiżlattivi. L-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa biex jiġbru dejta rilevanti sabiex jassistu f'dan il-proċess peress li bħalissa hemm nuqqas ta' dejta affidabbli.

Il-Kummissjoni ppjanat li twettaq studju empiriku speċifiku b'enfasi fuq il-ġabra ta' dejta minn tlieta sa ħames snin wara l-implimentazzjoni tal-istrument[5], sabiex takkwista għarfien kwantitattiv u kwalitattiv dettaljat dwar l-effettività tal-proposta. Id-dejta kollha miġbura tippermetti lill-Kummissjoni tevalwa l-konformità attwali fl-Istati Membri b'mod aktar b'saħħtu milli bl-użu tal-mezzi li kienu disponibbli sa issa.

4 Mhux l-Istati Membri kollha huma kkonċernati bl-ispejjeż massimi/minimi, għaliex ma jkunux affettwati minn ċerti miżuri li diġà għandhom stabbiliti.

5 ĠU C 291, 4.12.2009, p. 1.